**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 125/2019**

**Jean (Jean Pierre) Schembri**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**
**L-Avukat Generali**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jean (Jean Pierre) Schembri** pprezentat fl-20 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrent applika ghal licenzja ta' Gwardjan Privat u dan ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija informa lir-rikorrent bid-decizjoni tieghu, ossia illi l-applikazzjoni tieghu ghal-licenza ta' Gwardjan Privat giet michuda, b'ittra datata 29 ta' Novembru, 2019 li izda debitament ricevuta mir-rikorrenti nhar it-18 ta' Diċembru 2019;*

3. *Illi l-esponenti permezz tal-imsemmija ittra gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu giet michuda a tenur tal-artikolu 10(a)(i) u l-artikolu 10(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi huwa hass ruhu aggravat mid-decizjoni fuq imsemmija u qieghed jintavola dan l-umli appell.*

*Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

## A. ***Htija tar-Rikorrenti a bazi tal-artikolu 10(a)(i)***

*Illi l-artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 jistipula:*

> *Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
> *(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*
>
> *(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;*

*Illi r-rikorrenti huwa ben konxju li fis-sena 2013 u cioe madwar seba' snin ilu, huwa kien ghaddej perjodu ta' turbulanzi kbar f'hajtu u dan senjatament meta:*

- *fit-22 ta' Mejju, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magsitrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghal reati maghmula fix-xahar ta'* ***Frar 2013****, l-Onorabbli Qorti wara l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal- Kodiċi Kriminali, ikkundannat lir-rikorrenti għal piena ta' seba xhur priġunerija li ġew sospiżi għal-sentejn mid-data tas-sentenza, kif ukoll poġġiet lir-rikorrenti taħt Ordni ta' Trattament għal żmien sentejn sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa dwar anger management, kif ukoll;*

*Ghandu jigi mfakkar illi l-agir li taw lok ghal proceduri kriminali kontra l-esponenti jmorru lura ghas-sena 2013 u cioe qabel mar-rikorrenti ingħata l-għajnuna li kelli bżonn dwar anger management.*

*Fil-fatt l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dr Donatella M. Frendo Dimech fl-ghoti tas- sentenza supra citata hadet in konsiderazzjoni l-fattur illi l-fedina penali tal-esponenti ma toħloq ebda preokkupazzjoni u li anqas ma irriżulta illi r-rikorrenti kien reġa' xellef dufrejh mal-liġi.*

*Fl-umli fehma tar-rikorrenti, fl-ghoti ta' din id-decizjoni u cioe ic-cahda tal-applikazzjoni ghal-licenzja ta' gwardjan privat, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija naqas milli jikkunsidra l-aspett riformattiv tas-sistema gudizzjarja. F'dan il-kuntest ghandu jigi mfakkar illi llum il-gurnata is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed* ***timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu****.*

*Ghalkemm il-kuntest huwa differenti minn dak odjern, dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Appell kriminali fil-kaz fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'</u>**[1] huwa xorta wahda applikabbli ghall-appell odjern**<u>:</u>***

> ***"B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz… imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"***

*Qieghda ssir referenza ghar-risposta pprezentata mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fil-kawza fl-ismijiet **<u>'Alan Ciangura vs Kummissarju tal-Pulizija'</u>** deciza minn dan l-Onorabbli Tribunal nhar it-22 ta' Jannar, 2018 fejn l-intimat odjern irrisponda illi:*

> *"Fil-każ odjern, l-esponent jisħaq illi huwa, permezz tad-diskrezzjoni fdata lilu, għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu l-liċenzja mal-interess pubbliku in ġenerali. **<u>Infatti dan jidher biċ-ċar għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija dejjem ħareġ u ġedded il-liċenzja lir-rikorrent nonostante li ma kellux il-fedina penali netta</u>**." (enfasi tal-esponenti)*

*Fl-umli fehma tal-esponenti, l-intimat odjern naqas milli jikkunsidra illi:*

- *Is-sentenza imsemmija fl-ittra iffirmata mil-Kummissarju tal-Pulizija ta' Nhar id- 9 t'Awwissu 1994, tmur lura 25 sena u cioe għal-meta ir-rikorrenti kien għadu minuri u li l-istess Qorti fis-sentenza tat-22 ta'Mejju 2017 kienet b'mod espliċitu espremiet illi ma kienx jirriżulta illi ir-rikorrenti kien reġa xellef dufrejh mal-liġi;*
- *Mis-sentenza ta' Mejju 2017, imsemmija fl-ittra iffirmata mill-intimat, ir-rikorrenti ghamel progress enormi f'hatju u ma regax xellef idejh mal-Gustizzja;*
- *Bl-għajnuna tal-Ordni ta' Trattament li kien ingħata, ir-rikorrenti għamel trattament għal-sentejn, u cioe sa' Mejju tas-sena 2019 u min hemm huwa ħadem sabiex irriforma ruħu u m'għadux l-istess persuna li kien fl-2013;*
- *Ir-rikorrenti kien motivat ukoll sabiex jirriforma ruħu stante illi illum huwa missier ta' minuri li għandha sena u li tgħix mal-istess rikorrenti biss u b'hekk preżentament huwa fdat bil-kura primarja tagħha;*

[1] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

- *Is-sistema gudizzjarja taghna hija wahda ristorattiva u mhux retributtiva.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost kollu, galadarba l-esponenti ghamel progress kbir f'hajtu, fl-umli fehma tal-esponenti, l-intimat odjern kien zbaljat meta cahad tali applikazzjoni a bazi tal-artikoli 10(a)(i) tal-Kap 389.*

***B. <u>Dwar id-Diskrezzjoni tal-Kummissarju fir-rigward tal-artikolu 10(b) tal-Kap 389</u>***

*Illi ghalkemm il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta jispecifika li tali applikazzjoni tista' tigi rifjutata a bazi ta' interess pubbliku pero' awtorita' pubblika ma tistax tuza din il-bazi minghajr ma tispecifika r-raguni li skont hi tmur kontra l-interess pubbliku. Dan huwa principju bazilari fil-kamp amministrattiv. In-nuqqas li tinghata raguni irendi d-decizjoni in kwistjoni irragjonevoli u din il-Qorti ghandha s-setgha tissindika l-istess.*

*Il-Kummissarju intimat meta jezercita d-diskrezzjoni tieghu ghandhu jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-**Dritt Amministrattiv** huwa principju assodat li,*

> *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably"*[2].

*Fis-sentenza, **Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li:*

> *"it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in **Short v. Poole Corporation** gave the example of the red*

[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.

*haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[3]

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti ferm ingusta li minhabba incident illi sehh meta l-esponenti kien għaddej min żmien diffiċli u qabel ma rċieva it-trattament, huwa jbqa' jigi mcahhad milli jottjeni licenzja ta' gwardjan privat.*

*F'dan is-sens issir referenza ghal kawza fl-ismijiet,* ***Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija*** *deciz minn dan l-Onorabbli Tribunal kif konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Frar 2017 fejn wara li t-Tribunal nnota illi l-attur kien biddel id-direzzjoni ta' hajtu u irrijabilita ruhhu, it-Tribunal ordna lil Kummissarju sabiex jerga' jikkunsidra mill-gdid l-applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja tal-Gwardjan.*

*Illi l-interess pubbliku ma jistax jintuza biex kull min zbalja fil-passat, jibqa' ttimbrat b'mod* ***li ma jinghatax opportunita ohra biex juri li hu cittadin denju tas-socjeta'****.*

*Illi l-esponent jammetti li zbalja fil-passat, izda hu rriforma ruħhu u llum jeħtieġ illi jmanti lil-bintu* ***u bħala ċittadin eżemplari ma jistax jaħrab minn din ir-responsabbilta'*** *u għalhekk jixtieq jinghata l-opportunita li jaqdi l-istess socjeta' bhala gwardjan privat.*

*Illi bir-rispett kollu dovut lejn il-Kummissarju tal-Pulizija, dan ikompli jindika illi d-decizjoni mehuda minnu li jirrifjuta t-talba tar-rikorrent ghal hrug tal-licenzja kienet irragjonevoli u fuq kollox mhux studjata; u dan stante li l-interess pubbliku propju jirrikjedi li fl-ezercizzju li jaghmel il-Kummissarju tal-Pulizija meta jgharbel applikazzjoni bhal dik sottomessa mir-rikorrenti, huwa japprofondixxi u jmur 'lil hinn minn semplici ezami ta' dokumentazzjoni.*

*Illi f'dan is-sens jigi accennat ukoll u bir-rispett qieghed jingieb a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal illi hemm diversi ufficjali pubblici fi hdan il-Korp tal-Pulizija li minkejja li fil-passat nstabu hatja li kkomettew reati kriminali, madanakollu xorta wahda nghataw opportunita' ulterjuri li jservu l-istess bil-qadi ta' dmirijiethom bhala ufficcjali pubbliki fil-Korp tal-Pulizija*[4]*.*

*Dan kollu jindika illi ghalkemm persuna fil-passat tkun zbaljat, jekk taghraf tirregola u tirriforma ruhha, ma tkun tezisti l-ebda raguni valida illi tipprekludi lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija illi jippermetti lill-istess persuna taqdi lis-socjeta', kif fuq kollox jixtieq jaghmel ir-rikorrenti.*

---

[3] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.

[4] Vide passim 'Il-Pulizija vs Paul Sciberras' deciza nhar it-12 ta' Mejju, 2014 per Mag. Dr. C. Stafrace Zammit;

'Il-Pulizija vs David Sant' deciza nhar it-12 ta' Ottubru, 2007 mill_Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano

*Fid-dawl ta' dawn l-opportunitajiet illi tali ufficjali pubblici nghataw, l-esponenti jtenni illi l-principju u l-massimu tal- 'Legitimate Expectation' illum huwa parti ntegrali mil-Ligi nostrana u kif ukoll principju mhux biss parti integrali mill-konvenzjoni tal-Unjoni Ewropeja izda wkoll parti essenzjali u principju kardinali li fuqha jigu decizi l-kazijiet kollha ta' quddiem il-Qorti Ewropeja;*

*Di fatti fil-kaz "Anheuser-Busch Inc. vs Portugal deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar il-11 ta' Jannar, 2007 gie ritenut illi:*

> *In certain circumstances, a "legitimate expectation" of obtaining an "asset" may also enjoy the protection of Article 1 of Protocol No. 1. Thus, where a proprietary interest is in the nature of a claim, the person in whom it is vested may be regarded as having a "legitimate expectation" if there is a sufficient basis for the interest in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming its existence (see Kopecký v. Slovakia [GC], no. 44912/98, § 52, ECHR 2004-IX).*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan il-principju legali u d-dritt fundamentali, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-intimat odjern ippermetta diversi persuni illi fil-passat instabu hatja ta' reati kriminali jaqdu fi hdan il-Korp tal-Pulizija minghajr il-biza' li tali kariga ma tkunx ta' interess pubbliku, l-esponenti kellu aspettativa leggitima li tali applikazzjoni tigi accettata.*

*Għaldaqstant qieghed jigi umilment mitlub li dan it-Tribunal ihassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fl-ittra datata 29 ta' Novembru 2019 u b'hekk jigi ordnat li l-licenzja relattiva tinghata lill-rikorrent. Ghal motivi kollha suesposti r-rikorrenti, filwaqt li jirrizerva d-dritt tieghu li jgib dawk il-provi konsentiti lilu mil-ligi, jitlob bir-rispett sabiex dan it- Tribunal joghgbu jakkolji d-doljanzi tieghu u konsegwentement, filwaqt li jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 29 ta' Novembru, 2019, jordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija jaghti l-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali** datata 27 ta' Gunju 2016 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-
"

1. *Illi l-esponent Kummisasarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (a) (i) u Artikolu 10 (b) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati nhar it-22 ta' Mejju, 2017, talli "b'xi mod attakka jew għamel resistenza fuq Roderick Pace bħala gwardjan lokali*

*G551 waqt il-qadi ta' dmiru, (ommissis) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551 fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti, (ommissis) fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe` offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Roderick Pace bħala gwardjan lookali G551, (ommissis) fl-istess data, lok, ħin u ċirokstanzi għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali l-imġieba xieraq jew id-deċenza pubblika u li għalihom kien ikkundannat għal piena ta' seba' (7) xhur priġunerija sospiżi għal sentejn. Il-Kummissarju esponent ikkunsidra dan ir-reat bħala wieħed gravi taħt l-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent kienet proprju sabiex jottjeni liċenzja ta' gwardjan, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala reat gravi kif mifhum taħt l-Artikolu 10 (a)(i), l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda **jimponi obbligu fuq il-Kummissarju** li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389;*

4. *Illi di piu` l-bran ċitat mir-rikorrenti mis-sentenza fl-ismijiet **Alan Ciangura vs Kummissarju tal-Pulizija** m'għandux siwi fir-rigward tal-artikolu 10(a)(i) ġjaladarba dan il-każ kien jitratta rifjut unikament abbażi tas-subinċiż (b) tal-artikolu 10 tal-Kap. 389;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba n-natura tar-reat, u oltre` għar-reat ta' attentat ta' serq kommess mir-rikorrent fil-passat, l-esponent ħass illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ lir-rikorrent il-liċenzja ta' gwardjan privat. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-Artiklu 10(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk iħoss illi persuna li kellha dawk it-tipi ta` reati fil-fedina penali tagħha ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat jista' jirrifjuta li jagħti l-liċenzja u dan jagħmlu fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu;*

6. *Illi mingħajr preġidizzju għall-artikolu 11(1) tal-Kap. 389, mhuwiex minnu li l-Kummissarju naqas milli jagħti r-raġuni għar-rifjut tiegħu. Proprju fl-ittra ta' rifjut, il-Kummissarju speċifika li r-rifjut kien qiegħed isir abbażi tal-artikoli*

*10(a)(i) u 10(b) tal-Kap. 389 wara li ġew ikkunsidrati s-sentenzi mogħtija fil-konfront tar-rikorrent, liema sentenzi kienu elenkati fl-ittra ta' rifjut, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;*

7. *Illi lanqas hija minnha l-asserzjoni tar-rikorrent li l-interess pubbliku qiegħed jintuża sabiex kull min żbalja fil-passat, jibqa` ttimbrat b'mod li ma jingħatax opportunita` oħra biex juri li hu ċittadin denju tas-soċjeta`. Imkien ma ingħad jew qiegħed jingħad li r-rikorrent m'għandux dritt li jingħata opportunita` illi jaħdem. Pero`, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi l-mestjier ta' gwardjan privat iġorr miegħu ċertu piż u bosta responsabbilitajiet peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija;*

8. *Illi finalment b'referenza għat-talba mqajma mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi;*

   *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' lill-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi u lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2019 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Naghmel referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat.*

*Ghandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tigi rrijutata peress illi jirrizulta li inti: Wettaqt delitt gravi u fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikoli 10(a)(i) u 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Ligijiet ta'*

*Malta). Dan qieghed isir wara li gew ikkunsidrati sentenzi moghtija fil-konfront tieghek mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;*

*i. Nhar it-22 ta' Mejju 2017 dwar vjolenza fuq ufficjal pubbliku, fost akkuzi ohra.*
*ii. Nhar id-9 t'Awwissu 1994 dwar attentat ta' serq, fost akkuzi ohra."*

## Ikkunsidra:

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq zewg disposizzjonijiet distinti tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita`, u cioe` artikolu 10 (a) (i) u artikolu 10 (b).

It-Tribunal se jinvesti l-ewwel ir-rifjut abbazi tal-artikolu 10 (a) (i). Dan l-artikolu jghid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[5] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika* ***jew ta' xi delitt gravi ieħor****;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbazi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma ghandux diskrezzjoni jekk johrogx licenzja jew le, hlief limitatament meta jigi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma hux inkluz fl-istess sub-inciz, jistghax jigi kkunsidrat bhala gravi jew le.

Illi mill-fedina penali esebita a fol. 60 u minn sentenza datata 22 ta' Mejju 2017 esebita a fol. 62 jirrizulta illi r-rikorrent kien gie misjub hati li:

*"1. B'xi mod attakka jew ghamel rezistenza fuq Roderick Pace bhala gwardjan lokali G551 waqt il-qadi ta' dmiru u dan ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap. 389;*

*2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma tixtieqx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, Roderick Pace bhala grawdjan lokali G551 filwaqt li kien qed jagixxa ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[5] Enfasi tat-Tribunal

*3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Roderick Pace bhala grwardjan lokali G551;*

*4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxeni jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur tal-artikolu 338bb tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Mill-fedina penali jirrizulta wkoll illi fid-9 ta' Awwissu 1994 ir-rikorrent kien instab hati wkoll ta' attentat ta' serq. Madankollu, ghalkemm din is-sentenza hija msemmija fid-decizjoni appellata, ma jidhirx illi kienet il-kunsiderazzjoni principali tal-istess decizjoni, u dana kif xehdet l-Ispettur Magri a fol. 55 tal-process.

Il-kunsiderazzjoni principali kienet ghalhekk abbazi tal-incident li ghalih instab hati fl-2017, abbazi ta' liema il-Kummissarju intimat hass li r-reati mwettqa setghu jigu kklassifikati bhala delitti gravi ghax, fost affarijiet ohra, kienu jinvolvu attakk fuq ufficjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Illi l-hidma tal-gwadjani lokali, illum ufficjali tal-komunita`, hija wahda li tissuplimenta u tikkumplimenta dik tal-Korp tal-Pulizija sabiex ikun hawn l-ordni fil-pajjiz. Dak li ghamel ir-rikorrent, meta kellu tletin (30) sena, ma hemm l-ebda dubju li huwa fatt gravi ghaliex attakka persuna li kienet qieghda taqdi dmirha u dan meta deherlu li ma kellux jinghata kontravvenzjoni ghal ipparkjar hazin. In fatti, attakk fuq ufficjal pubbliku huwa punibbli b'multi sostanzjali u anke termini ta' prigunerija. Il-fatt li r-rikorrent inghata sentenza sospiza ma jnaqqas xejn mill-gravita` tar-reati mwettqa. Huwa veru li fl-istess sentenza gie rikonoxxut illi r-rikorrent kellu bzonn ghajnuna fejn jidhol *anger management*, pero` r-rabja jew in-nuqqas ta' kontroll taghha, bl-ebda mod ma jirredu delitt inqas gravi.

Illi huwa veru wkoll illi gie prodott l-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi li segwa lir-rikorrent ghal sentejn wara l-Ordni ta' Trattament ordnata bis-sentenza su citata. Huwa stqarr li r-rikorrent kien gab ruhu tajjeb matul l-Ordni u hadmu tajjeb flimkien sa Mejju 2019 meta spiccat l-Ordni.

Minkejja dan kollu, dan it-Tribunal, bhal ma ghamel il-Kummissarju tal-Pulizija, iqis ir-reati mwettqa mir-rikorrent bhala delitti gravi. Huwa gravi li ufficjal pubbliku bhal ma hu gwardjan lokali jkollu jissubbixxi aggressjoni ghaliex ikun qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Ghaldaqstant, ghalkemm huwa minnu li iktar ma jghaddi z-zmien aktar qieghed jigi

mpoggi enfasi fuq l-aspett riformattiv ta' persuna misjuba hatja, u fil-fatt ir-rikorrent ibbenefika minn Ordni ta' Trattament ghal sentejn, huwa wkoll minnu li certi xogholijiet jirrikjedu livell oghla ta' kontroll ta' emozzjonijiet negattivi minn xogholijiet ohra ghax fihom wiehed irid ihabbat wiccu ma' sitwazzjonijiet li jekk ma jikkontrollax l-agir tieghu jispicca jonqos bil-kbir mid-dmirijiet tieghu u jkun ta' perikolu ghal haddiehor.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz il-Kummissarju intimat ezercita d-diskrezzjoni mhollija f'idejh b'mod gust meta kklassifika d-delitti mwettqa mir-rikorrenti bhala delitti gravi ai fini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal se jghaddi issa biex jinvesti t-tieni bazi tar-rifjut, u cioe`, dak skont artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi skont dan l-artikolu, il-Kummissarju intimat **ghandu** jirrifjuta li jaghti licenzja jekk jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jaghmel hekk. Hawnhekk il-Kummissarju, a differenza ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ghandu diskrezzjoni iktar wiesgha, fejn meta jigi biex jezercitaha irid izomm bilanc bejn l-interess tas-socjeta` in generali u d-dritt tal-applikant li jottjeni l-licenzja *de quo*. It-Tribunal hu konxju ta' decizjonijiet fejn din id-diskrezzjoni giet impunjata b'success, pero`, ta' min jirrileva illi c-cirkostanzi f'dawk il-kazijiet, wiehed minnhom indikat mir-rikorrent stess fir-rikors promutur[6], kienu ghal kollox differenti minn dawk odjerni. Illi t-Tribunal jaqbel illi persuna m'ghandhiex tibqa' ittimbrata ghal hajjitha kollha bi zball li kienet ghamlet fil-passat, pero` biex dan isir irid jintwera effettivament illi l-persuna bidlet ir-rotta ta' hajjitha. Illi ghalkemm waqt ix-xhieda tal-Ispettur Magri gie accennat illi r-rikorrenti ricentement gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'xi reati[7], dan it-Tribunal ma jhossx illi dawn ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni ai fini ta' revizjoni tad-decizjoni appellata, u dan ghaliex zgur ma sawwrux il-bazi tad-decizjoni appellata stante li kien ghadu ma sehhx l-incident imsemmi fl-istess imputazzjonijiet.

Illi pero` madankollu dan it-Tribunal, minkejja x-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation, ma jhossx li ghandu dak is-serhan il-mohh illi r-rikorrent verament ghamel il-progress li jghid li ghamel. Ma ngabx perezempju bhala xhud l-*employer* prezenti tieghu sabiex jixhed dwar il-mod kif ir-rikorrent igib ruhu fuq ix-xoghol. Fin-nuqqas ta' tali provi dan it-Tribunal

[6] **Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija** deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Fra 2017
[7] Ara Dokument SM3 A FOL. 74

ma jarax li ghandu raguni ghala jiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Kummissarju intimat.

Illi di piu` r-rikorrent jissottometti illi huwa ghandu aspettativa legittima li l-applikazzjoni tieghu tigi accettata. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-argument ghaliex il-Kummissarju intimat ma holoq l-ebda aspettattiva ta' dan it-tip fir-rikorrent stante li meta applika ghal-licenzja *de quo* precedentement din ukoll giet rifjutata.[8] Kwindi jekk kellu xi aspettattiva din certament ma kinitx wahda legittima.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-istess Kummissarju datata 29 ta' Novembru 2019 u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

_______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[8] Ara xhieda tal-Ispettur Sarah Magri a fol. 56